

MT

MT

MT



II-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 31.3.2010
KUMM(2010) 135 finali
VOL. I

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-
KUNSILL, IL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U L-KUMITAT
TAR-REĠJUNI**

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010

Żmien li tittieħed azzjoni

WERREJ

1.	Introduzzjoni: era ġdida	3
2.	L-affaċċjar tal-kriżi u s-sostenn tal-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa.....	4
2.1.	Frug mill-kriżi	4
2.2.	Tmexxija 'il quddiem tal-inizzjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020.....	5
2.3.	Affaċċjar tal-ostakli u t-tneħħija tal-lakuni tal-Ewropa	6
3.	Aġenda taċ-Ċittadini: in-nies fil-qalba tal-Azzjoni Ewropea.....	7
3.1.	Bini ta' Ewropa għaċ-ċittadin	7
3.2.	Biex ikollna żgur Ewropa miftuħa u sikura	8
3.3.	Indirizzar ta' sfidi soċjali għal perjodu twil.....	8
4.	L-aġenda esterna: Unjoni Ewropea koerenti u influwenti	9
4.1.	Rappreżentazzjoni esterna b'saħħita u koerenti – l-UE bħala parteċipant globali	9
4.2.	Approfondiment tal-aġenda tal-kummerċ tal-Ewropa	9
4.3.	Realizzazzjoni ta' politiki tal-UE dwar il-viċinat, tkabbir u żvilupp.....	10
5.	L-immodernizzar tal-istrumenti tal-UE u mezzi ta' ħidma.	10
5.1.	Regolament prattiku – l-iżgurar li l-politiki huma effiċjenti.....	10
5.2.	Nikkomunikaw mal-Ewropa	11
5.3.	Adattament tal-qafas finanzjarju tal-UE biex iservi l-prijoritajiet tal-politika.....	12
6.	Konklużjoni: Nimxu 'il quddiem:	13

1. INTRODUZZJONI: ERA ĠDIDA

Is-sena 2010 timmarka l-bidu ta' era ġdida għall-Unjoni Ewropea.

Il-kriżi laqtet bil-kbir: komunitajiet, ċittadini u negozji madwar l-Ewropa kollha tpoġġew taħt pressjoni enormi. Is-solidarjetà Ewropea ġarrbet prova. Il-Kummissjoni Ewropea għarfet mill-ġdid l-interdipendenza tagħha u ngħaqdet flimkien biex taffaċċja l-kriżi: issa trid turi l-istess rizzoluzzjoni u għaqda għall-ġejjieni.

Ma nistgħux nġhidu li nistgħu nibqgħu għaddejjin qisu ma kien xejn. L-isfidi li qed taffaċċja l-Unjoni tagħna huma akbar meta mqabbla mal-perjodu ta' qabel ir-reċessjoni. L-ispazju tagħna fejn nistgħu nimmanuvraw hu aktar limitat u l-bqija tad-dinja mhix qegħda kwietta ma tagħmel xejn. Aħna rridu nitgħallmu minn din l-esperjenza u niffurmaw mill-ġdid il-politiki tagħna.

Tagħlima ċara mill-kriżi hi li l-Ewropa tista' tirnexxi dment li taġġixxi kollettivament bħala Unjoni. L-Ewropa ma għandha l-ebda għażla oħra għajr li taffaċċja l-isfida immedjata tal-kriżi, kif ukoll l-isfidi fit-tul bħal globalizzazzjoni, azzjoni dwar il-klima, popolazzjoni li qed tixji, dan biex tpatti għat-telf ta' dan l-aħħar, terġa' tikseb il-kompetittività u tpoġġi lill-UE f'direzzjoni 'l fuq għal tkabbir sostenibbli.

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-elezzjoni ta' Parlament Ewropew ġdid u l-ħatra ta' Kulleġġ tal-Kummissarji ġdid, l-UE hi mgħammra bl-ġhodod meħtieġa.

Issa hi biss kwistjoni ta' rieda politika: il-Kummissjoni Ewropea lesta li taffaċċja l-isfida. Il-linji gwida politiċi stabbiliti mill-President Barroso f'Settembru 2009 qajmu dibattitu dwar id-direzzjoni li għandha tiegħu l-Ewropa u l-miżuri konkreti li għandha tippromwovi. Is-seduti fil-Parlament Ewropew u l-vot ta' approvazzjoni sussegwenti kienu eżempju ċar ta' demokrazija Ewropea, billi enfasizzaw valuri kondiviżi u żguraw appartenenza wiesja tal-inizjattivi futuri tal-UE. Skambju mill-qrib mal-Kunsill Ewropew u istituzzjonijiet tal-UE oħrajn għenu wkoll biex jinbena konsensus dwar it-triq 'il quddiem.

Il-Kummissjoni l-ġdida se taħdem fuq erba' punti prinċipali:

- L-affaċċjar tal-kriżi u s-sostenn tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-Ewropa.
- Il-bini ta' aġenda taċ-ċittadini li tpoġġi lin-nies fil-qalba tal-azzjoni Ewropea.
- L-iżvilupp ta' aġenda esterna ambizzjuża u koerenti b'firxa globali.
- L-immodernizzar tal-istrumenti u metodi ta' ħidma tal-UE.

L-iffokar ta' dan il-Programm ta' Ħidma hu dwar ir-realizzazzjoni tal-inizjattivi strateġiċi fl-2010. Dan jenfasizza wkoll, b'mod mhux eżawrijenti, inizjattivi li qed jiġu kkunsidrati għas-snin li ġejjin, biex b'hekk jingħaqad it-tbassir għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill – kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati – u l-flessibilità meħtieġa biex jadattaw għal ċirkustanzi li jinbidlu. Dawn iż-żewġ inizjattivi huma mfassla biex jaffaċċjaw sfidi immedjati u jagħtu rizzultati b'mod rapidu, u biex jiffurmaw il-ġejjieni tal-Ewropa għall-benefiċċju fit-tul taċ-ċittadini tagħha. Biex dawn jitmexxew 'il quddiem il-Kummissjoni se tistabbilixxi direzzjoni għall-UE fl-għaxar snin li ġejjin, hekk kif enfasizzat fl-istrateġija Ewropa 2020 u l-ħidma attwali għat-tħejjija tal-baġit tal-UE futur.

2. L-AFFAĊĊJAR TAL-KRIŻI U S-SOSTENN TAL-EKONOMIJA TAS-SUQ SOĊJALI TAL-EWROPA

L-ewwel att politiku tal-Kummissjoni l-ġdida kien li mill-ewwel tressaq l-inizjattiva ċentrali tagħha “Ewropa 2020 – strateġija għal tkabbir prattiku, sostenibbli u inklusiv”¹. Il-proposta turi kemm l-UE tista' toħroġ mill-kriżi u timxi f'direzzjoni ta' tkabbir aktar sostenibbli u dinamiku li toffri livelli għolja ta' impjeg, produttività u koeżjoni soċjali.

Il-ġimgħa l-oħra, il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa approva l-elementi prinċipali tal-istrateġija Ewropa 2020. Dan sejjaħ għal tmexxija Ewropea b'saħħitha u appartenenza komuni tal-istrateġija. Fil-qalba tal-approċċ insibu għanijiet ċari, tal-UE kif ukoll nazzjonali, governanza ekonomika ġdida u żvilupp ta' inizjattivi ewlenin biex jiggwidaw il-ħidma konġunta tal-UE u tal-Istati Membri f'oqsma ewlenin². Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju hu mistenni li jikkonferma l-elementi essenzjali tal-istrateġija u mbagħad il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tagħti riżultati. Fix-xhur u fis-snin li ġejjin se jittieħdu passi konkreti biex tiġi realizzata l-istrateġija l-ġdida, bi tliet assi ewlenin għall-ħidma tal-Kummissjoni fl-2010.

2.1. Ħruġ mill-kriżi

Il-Kummissjoni, biex tindirizza s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali, ressqet risponsi strateġiċi biex:

- Issaħħaħ is-sorveljanza u koordinazzjoni ekonomika u ttejjeb il-governanza fi ħdan iż-żona euro: Minħabba l-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, il-Kummissjoni se tippreżenta l-proposti tagħha biex ittejjeb il-koordinazzjoni ta' politika ħalli ssaħħaħ il-qafas ta' sorveljanza fiskali tagħna fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, taffaċċja żbilanċi makroekonomiċi, inklużi diverġenzi fil-kompetittività permezz ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika aktar b'saħħithom, u tnaqqas il-vulnerabbiltà finanzjarja fi ħdan approċċ integrat (inizjattiva strateġika 1).
- Tgħin lill-finanzi pubbliċi ħalli jerġgħu lura għal direzzjoni aktar sostenibbli: Dan l-aħħar il-Kummissjoni ppreżentat il-valutazzjoni tagħha tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza nazzjonali fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, b'enfażi fuq metodi biex tiġi sostnuta l-konsolidazzjoni fiskali. Din il-Ħarifa se jitwettaq monitoraġġ, u ser ikun allinejat aħjar mas-segwitu tal-istrateġija Ewropa 2020.
- Tassigura swieq finanzjarji stabbli u responsabbli għas-servizz tal-ekonomija usa: Il-Kummissjoni qed taħdem iebes ma' istituzzjonijiet tal-UE oħrajn biex tassigura li l-arkitettura ta' superviżjoni Ewropea ġdida tidħol fis-seħħ sal-ewwel xhur tal-2011, ħalli swieq finanzjarji transkonfinali jiġu koperti kif xieraq u r-riskji sistematiċi jiġu identifikati malajr kemm jista' jkun. Proposti dwar il-kapital tal-bank u manaġers ta' fondi ta' investment alternattiv għandhom jiġu miftehma wkoll mill-koleġiżlaturi qabel is-Sajf. Din il-ħidma teħtieġ li tiġi supplimentata bi proposti ġodda biex titlesta l-ħidma f'oqsma bħal swieq tad-derivattivi (inizjattiva strateġika 2), bejgħ skopert u credit default swaps

¹ COM(2010) 2020, 3.3.2010.

² Tressqu seba' punti ewlenin bħala parti mill-istrateġija Ewropa 2020: “Unjoni ta' Innovazzjoni”, “Żgħażaġħ fil-Mobbiltà”, “Aġenda diġitali għall-Ewropa”, “Ewropa li tagħmel użu effiċjenti tar-Riżorsi”, “Politika industrijali għal era globalizzata”, “Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda”, “Pjattaforma Ewropea biex jiġi miġġieled il-faqar”.

(inizzjativa strateġika 3), skemi ta' garanzija tad-depożiti (inizzjativa strateġika 4), sfruttar tas-suq (inizzjativa strateġika 5), għodod effettivi għat-tmexxija tal-kriżi (inizzjativa strateġika 6) u rekwiżiti tal-kapital ulterjuri (inizzjativa strateġika 7). Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipproponi orjentazzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' fondi ta' riżoluzzjoni tal-banek bħala għodod għat-tmexxija tal-kriżi possibbli, li se jinkludi għażliet bħal imposta fuq istituzzjonijiet finanzjarji (inizzjativa strateġika 8). B'mod parallel, il-Kummissjoni se tieħu l-passi meħtieġa għal tneħħija gradwali ta' miżuri eċċezzjonali hekk kif l-irkupru jissaħħa.

2.2. Tmexxija 'il quddiem tal-inizzjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020

Fix-xhur li ġejjin se jittieħdu passi konkreti biex tingħata aktar sostanza lill-inizzjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-formazzjonijiet tal-Kunsill u partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-proposti tagħha permezz tal-komunikazzjonijiet li ġejjin:

- “Aġenda diġitali għall-Ewropa” (inizzjativa strateġika 9): Din l-inizzjativa se tistabbilixxi l-prijoritajiet biex ikun hemm implimentazzjoni aktar mgħaġġla tal-internet b'veloċità għolja u jiġi sfruttat il-potenzjal ta' teknoloġiji diġitali għad-djar u għall-impriżi.
- “Politika industrijali għal era globalizzata” (inizzjativa strateġika 10): Din l-inizzjativa se tistabbilixxi l-prijoritajiet biex ittejjeb l-ambjent tan-negozju, prinċipalment għall-impriżi ta' daqs żgħir u medju, u għas-sostenn tal-iżvilupp ta' bażi industrijali b'saħħitha u sostenibbli li tkun kapaċi tikkompeti fil-livell globali.
- “Pjan Ewropew għar-riċerka u l-innovazzjoni” (inizzjativa strateġika 11): Din l-inizzjativa ewlenija ta' "Unjoni ta' Innovazzjoni" se tistabbilixxi l-prijoritajiet biex ittejjeb il-kondizzjonijiet tal-qafas għar-riċerka tal-Ewropa u l-kapaċitajiet tagħha għal kreattività u innovazzjoni, inkluża l-ekoinnovazzjoni. Din se tikkontribwixxi għad-diskussjoni pjanata tal-Ħarifa tal-Kunsill Ewropew.
- “Żgħażaġħ fil-Mobbiltà” (inizzjativa strateġika 12): Din l-inizzjativa se tistabbilixxi l-prijoritajiet biex issaħħa il-prestazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni, biex l-edukazzjoni oġhla tal-Ewropa ssir aktar attraenti u biex tiftaħ aktar programmi ta' mobbiltà għaż-żgħażaġh. Il-ġenerazzjoni żagħżuġha ntaqtet b'mod partikolari minn din il-kriżi. Komunikazzjoni dwar "l-impjieġ taż-żgħażaġh" (inizzjativa strateġika 13) se tkun reazzjoni politika biex jiżdiedu l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh, ikun hemm promozzjoni ta' apprendistati u taħriġ, u biex ittejjeb it-transizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieġ.
- “Aġenda għal ħiliet u impjieġi ġodda” (inizzjativa strateġika 14): Din l-inizzjativa se tistabbilixxi l-prijoritajiet biex timmodernizza s-swieq tax-xogħol biex tgħin il-mobbiltà tax-xogħol u l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi matul iċ-ċiklu tal-ħajja bl-għan li tiżdid il-parteċipazzjoni fix-xogħol u jkun hemm inqas distakk bejn il-fornitura tax-xogħol u d-domanda.
- “Pjattaforma Ewropea biex jiġi miġġieled il-faqar” (inizzjativa strateġika 15): Din l-inizzjativa se tistabbilixxi kif jiġi żgurat li l-benefiċċji tat-tkabbir u mpjieġi jinfirxu kif xieraq ħalli dawk in-nies li qed jesperjenzaw il-faqar jistgħu jiġu mgħejjuna biex jieħdu parti attiva fis-soċjetà. Din l-inizzjativa se tibni speċjalment fuq it-tagħlim miksub mis-Sena Ewropea 2010 biex jiġi miġġieled l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

- Ser isir progress ukoll fuq il-ħidma dwar l-inizjattiva ewlenija “Ewropa li tagħmel użu effiċjenti tar-Riżorsi”: L-għan hu li t-tkabbir ma jibqax marbut mal-użu tar-riżorsi li se jagħti vantaġġ kompetittiv lill-Ewropa. Approċċ bħal dan se jgħin lill-UE biex tiffjorixxi f'dinja b'livell baxx ta' karbonu u konsum limitat tar-riżorsi, filwaqt li taffaċċja l-bidla tal-klima, degradazzjoni ambjentali, telfa tal-bijodiversità u ttejjeb mobbiltà sostenibbli. Il-Kummissjoni se taħdem fuq pjan biex tiddefenixxi l-azzjonijiet ewlenin meħtieġa biex jinkiseb il-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija ta' 20%, fis-setturi tal-bini u trasport u fuq strateġija biex tassigura forniment ta' enerġija sikur, sostenibbli u kompetittiv lid-djar u impriżi. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll dwar reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija biex prodotti li jagħmlu użu mill-elettriku jiġu intaxxati fuq il-kontenut tal-enerġija tagħhom u l-livell ta' emissjoni tal-karbonju tagħhom. Matul l-2010 il-Kummissjoni se:
 - tiżviluppa l-viżjoni tagħha għat-transizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija bbażata fuq użu baxx ta' karbonju, użu effiċjenti tar-riżorsi u ekonomija li tkun reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2050, partikolarment għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tal-enerġija u tat-trasport, biex tipprovdi qafas għat-tul għal politika u investiment, inkluża analiżi ta' liema politiki Prattiki għandhom ikunu meħtieġa biex jiġi implimentat tnaqqis ta' 30% fl-2020 u tax-xenarji meħtieġa għall-2030 .
 - taħdem biex tassigura li agrikoltura sostenibbli, produttiva u kompetittiva tkun tista' tagħmel kontribuzzjoni importanti fl-istrateġija Ewropa 2020 u tikkunsidra l-potenzjal ta' tkabbir u impjieġ f'inħawi rurali filwaqt li tiżgura kompetizzjoni ġusta; hi komponent ewleni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll għall-garanzija tas-sigurtà tal-ikel. Din il-ħidma se tindirizza kwistjonijiet bħal prodotti tal-ikel u bażi ta' produzzjoni rinnovabbli, u d-dinamiżmu tal-inħawi rurali, u ser isservi bħala bażi biex tesplora triqat għall-ġejjieni tal-Politika Agrikola Komuni (inizjattiva strateġika 33)
 - se tfejji riforma futura ta' politika ta' koeżjoni għat-twettieq ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, b'armonija mal-istrateġija Ewropa 2020 biex timmodernizza l-ekonomija tal-UE fis-sħubija ma' parteċipanti nazzjonali, reġjonali u lokali; f'dan il-kuntest, il-Ħames Rapport ta' Koeżjoni se jesplora għażliet għall-ġejjieni tal-politika ta' koeżjoni għal wara l-2013 (inizjattiva strateġika 34).
 - Il-Kummissjoni qed tfejji wkoll il-pedamenti għal riforma fundamentali tal-politika komuni tas-sajd biex toħloq il-kondizzjonijiet għal industrija tas-sajd tal-UE li tkun ġenwinament vijabbli u sostenibbli u l-iżvilupp ta' Politika Marittima Integrata.

2.3. Affaċċjar tal-ostakli u t-tneħħija tal-lakuni tal-Ewropa

Biex issostni t-tmexxija 'il quddiem tal-inizzjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, u twieġeb għall-istedina tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, il-Kummissjoni hi impenjata biex taffaċċja l-ostakli u t-tneħħija tal-lakuni tal-Ewropa . Fl-2010, din se tiġi tradotta speċjalment fit-tliet inizjattivi strateġiċi li ġejjen:

- Komunikazzjoni dwar it-tneħħija mill-ġdid tas-suq uniku (inizjattiva strateġika 16): Din se tibni fuq ir-riżultati tar-rapport li l-President Barroso kkummissjona lill-Professor Monti u

tħejji l-pedamenti biex jiġi żviluppat pakkett importanti għas-suq uniku ta' għada fl-għoxrin anniversarju tas-suq uniku fl-2012.

- Regolament dwar il-rekwiżiti ta' traduzzjoni għall-privattiv tal-UE futur, imfassal biex isolvi kwistjonijiet kritiċi ta' traduzzjoni meħtieġa biex il-privattiv tal-UE jsir realtà (inizjattiva strateġika 17).
- White paper dwar it-trasport (inizjattiva strateġika 18): Din se tiddeskrivi strateġija u pjan ta' azzjoni għall-politika tat-trasport u l-infrastrutturi tat-trasport matul l-għaxar snin li ġejjin. L-għan hu li tinkiseb sostennibbiltà tat-trasport, li tirrikjedi azzjonijiet biex jitneħħew ostakli lill-kompetittività, progress lejn sistema tat-trasport li tiddependi inqas fuq karburanti fossili u tittjib fis-sikurezza, sigurtà u kondizzjonijiet tal-impjeg.
- Pakkett dwar l-infrastruttura tal-enerġija (inizjattiva strateġika 19): Dan se jstabbilixxi l-prijoritajiet għal interkonnessjonijiet u l-iżvilupp ta' xbiki Prattiku ta' elettriku fl-UE.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkun qed taħdem biex tiżgura li l-għodod li ser ikollha f'idejha jkunu lesti biex jassistu l-ħidma biex tiġi implimentata l-viżjoni 2020. Fl-istess ħin, implimentazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE hi essenzjali għar-realizzazzjoni tal-politiki tal-UE u tal-ħarsien indqas tad-drittijiet taċ-ċittadini u negozji tal-UE. Għaldaqstant l-implimentazzjoni u tisħiħ imtejba tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq uniku huma għan importanti, li jinkludi l-implimentazzjoni sħiħa tad-"direttiva dwar is-servizzi".

3. AĠENDA TAĊ-ĊITTADINI: IN-NIES FIL-QALBA TAL-AZZJONI EWROPEA

Il-filosofija bażika tal-UE hi dik li ttejjeb il-benesseri taċ-ċittadini tagħha u biex jitwessgħu l-interessi tagħhom. Fid-dinja tal-lum il-ħtiġijiet, it-tħassib u l-mistoqsijiet taċ-ċittadini huma kollha differenti u qed jevolvu b'rata mgħaġġla. Bosta dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona se jgħinu biex l-interessi taċ-ċittadini jitpoġġew fil-qalba tal-attivitajiet tal-UE, u l-kunċett taċ-ċittadinanza Ewropa jsir aktar konkret.

Element importanti ta' din l-aġenda politika hu l-Programm ta' Stokkolma għal "Ewropa miftuħa sikura li sservi u tipproteġi ċ-ċittadin" adottata mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2009. Il-Kummissjoni issa se tippreżenta (inizjattiva strateġika 20) Pjan ta' Azzjoni komprensiv għall-implimentazzjoni tagħha (2010-2014) biex tiżgura li l-benefiċċji tal-qasam tal-ħelsien, sigurtà u ġustizzja jsiru aktar tanġibbli għaċ-ċittadini.

3.1. Bini ta' Ewropa għaċ-ċittadin

Il-Kummissjoni l-għdida diġa ħadet inizzjattivi importanti taħt it-Trattat ta' Lisbona: billi tipproponi li tistabbilixxi "inizjattiva taċ-ċittadini" li tippermetti lin-nies biex isejju għal azzjoni mill-Istituzzjonijiet tal-UE u billi tħejji l-pedament għall-UE biex tingħaqad mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b'hekk issaħħaħ id-drittijiet fundamentali madwar l-Ewropa kollha. Barra minn hekk, matul l-2010 se tiġi ppreżentata Komunikazzjoni dwar il-politika tad-drittijiet fundamentali tal-UE.

Il-Kummissjoni se tikkomplementa l-proposti ta' dan l-aħħar tagħha bi proposti ġodda biex ittejjeb id-drittijiet proċedwali għaċ-ċittadini.

Fl-2010, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-proposti eżistenti quddiem il-leġiżlatur tal-UE u tikkomplementa l-aġenda taċ-ċittadini tagħha bl-inizzjattivi li ġejjin:

- Proposta dwar il-ġuriżdizzjoni u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (inizjattiva strateġika 21): Din ser ittejjeb ir-rikonnoxximent tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'sens transkonfinali.
- Proposta biex tirrevedi d-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol (inizjattiva strateġika 22): Din se tieġu t-tagħlimiet miksuba mill-konsultazzjoni attwali tal-imsieħba soċjali biex tikkjarifika u temenda l-leġislazzjoni eżistenti.
- L-iżvilupp ta' żona ġudizzjarja Ewropea, inklużi qafas ta' referenza għad-dritt kuntrattwali (inizjattiva strateġika 23), u l-analiżi ta' ostakli għal moviment ħieles taċ-ċittadini (inizjattiva strateġika 24).

Se jitthejjew proposti biex tiġi kjarifikata l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kollokazzjoni tal-Ħaddiema ; u biex jiġu affaċċjati l-isfidi l-ġodda, bħall-protezzjoni tad-dejta personali (inizjattiva strateġika 25). Fl-istess ħin, il-Kummissjoni, fl-2010, se tniedi analiżi dettaljata tal-kwistjoni tal-koerenza tal-politika fil-qasam ta' rimedji kollettivi u twettaq konsultazzjoni pubblika dwar il-prinċipji legali komuni u kwistjonijiet konkreti li għandhom jiġwidaw kwalunkwe proposti futuri għal rimedji kollettivi fil-leġislazzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll fuq proposti biex ittejjeb il-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità.

3.2. Biex ikollna żgur Ewropa miftuħa u sikura

Il-Pjan ta' Azzjoni li jimplementa l-Programm ta' Stokkolma se jiffoka partikolarment fuq l-affaċċjar tal-kriminalità transkonfinali u se jikkonsolida l-politika komuni għall-immigrazzjoni u l-asil. Ser ikopri speċjalment oqsma bħal:

- Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u theddid ieħor permezz ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja mtejba, inkluża strateġija ta' sigurtà interna tal-UE (inizjattiva strateġika 26).
- Iffukar fuq l-integrazzjoni tal-popolazzjoni tal-immigranti filwaqt li tiġi indirizzata l-immigrazzjoni illegali u tittejjeb l-amministrazzjoni tal-fluss tal-immigrazzjoni, inkluż permezz approċċ integrat għat-tmexxija tal-fruntieri tal-UE.

3.3. Indirizzar ta' sfidi soċjali għal perjodu twil

Is-soċjetà Ewropea qed taffaċċja numru ta' tendenzi ta' perjodu twil li għandhom impatt dirett fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini: Dawn jinkludu l-firxa tat-teknoloġiji l-ġodda, immigrazzjoni u l-persjoni tat-tixjiħ demografiku, il-konsegwenzi tal-bidla tal-klima u theddid ambjentali. Il-politika pubblika teħtieġ li tindirizza dawn ix-xejriet, billi trażżan ir-riskji u tinkludi l-opportunitajiet tagħhom f'inizzjattivi futuri. Dawn it-tendenzi jeħtieġu analiżi dettaljata u d-dħul minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni se tiftaħ dibattiti pubbliċi u se taħdem fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

- Il-ġejjieni tal-pensjonijiet billi tippreżenta green paper (inizjattiva strateġika 27): Din se tħares lejn l-għażliet biex tiżgura s-sostenibbiltà u l-adekwatezza tal-pensjonijiet fid-dawl tal-popolazzjoni li qed tixjiħ, ix-xejriet tal-mobbiltà fl-Ewropa u t-tħaddim tas-swieq finanzjarji.

- Il-ħtiegħa biex jiġu żviluppatti ulterjorment il-politiki tal-immigrazzjoni illegali biex ittaffu l-pressjonijiet tat-tixjiħ demografiku u biex issaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, flimkien ma' politiki ta' intergrazzjoni mġedda.
- Strateġija ta' bijodiversità tal-UE ġdida billi tippreżenta komunikazzjoni (inizjattiva strateġika 28): Din se tistabbilixxi l-azzjonijiet konkreti li l-UE għandha tikkunsidra biex tissodisfa l-impenji internazzjonali u fid-dawl tal-pressjonijiet fuq l-ekosistema.
- Kapaċità ta' respons ta' malajr tal-UE billi tippreżenta Komunikazzjoni dwar il-kapaċità għar-respons għal diżastri tal-UE (inizjattiva strateġika 29) biex ittejjeb ir-respons tal-UE għad-diżastri.

Se jitniedu wkoll dibattiti pubbliċi fid-dawl tal-progress xjentifiku dwar kwistjonijiet bħall-iklonar tal-animali, bijoteknoloġija u nanoteknoloġija.

4. L-AĠENDA ESTERNA: UNJONI EWROPEA KOERENTI U INFLUWENTI

Bħala setgħa politika, ekonomika u kummerċjali kbira, l-UE għandha twettaq bis-sħiħ ir-rwol tagħha fuq l-livelli internazzjonali. L-UE teħtiegħ għoli ta' ambizzjoni, koordinazzjoni u dixxiplina biex titkellem bħala leħen wieħed u li tinstema'. It-Trattat ta' Lisbona jagħti l-għodod biex l-interessi Ewropej jiġu pprojżettati aħjar globalment, liema interessi l-UE trid tolgot bis-sħiħ.

4.1. Rappreżentazzjoni esterna b'saħħita u koerenti – l-UE bħala parteċipant globali

Fl-2010 l-arranġamenti esterni l-ġodda taħt it-Trattat ta' Lisbona se jidħlu fis-seħħ b'mod sħiħ. Fil-kariga l-ġdida tar-Rappreżentant l-Għoli, iċ-ċarezza l-ġdida fuq ir-rappreżentazzjoni esterna tal-UE u t-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna se jagħtu dinamiżmu u ffokar ġdid lill-politiki esterni tal-UE. Bħala rappreżentant estern tal-UE barra l-PESK/PSDK u bir-responsabbiltà tiegħu għall-proposta u l-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki, il-Kummissjoni, għandha rwol ewlieni fir-realizzazzjoni tal-ambizzjonijiet tal-politika esterna tal-UE.

Waħda mit-tagħlimiet ewlenin tal-kriżi globali hi d-daqs tal-UE u l-kwistjoni taż-żona euro fl-influenzar tal-reazzjoni tal-politika globali. It-Trattat ta' Lisbona jipprovi għal aktar rappreżentazzjoni esterna koerenti tal-UE biex jiżgura li r-rwol internazzjonali tal-UE jaqbel mal-piż ekonomiku tagħha. Il-Kummissjoni se tipproponi biex tikkonsolida r-rappreżentazzjoni Ewropea fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

4.2. Approfondiment tal-aġenda tal-kummerċ tal-Ewropa

Il-kummerċ internazzjonali hu wieħed mill-muturi tat-tkabbir, impjeg u investiment fl-Unjoni Ewropea, u dan issir fl-interess taċ-ċittadini Ewropej. L-UE hi impenjata li tiftaħ is-soċjetajiet u li tiftaħ s-swieq, u hi ddeterminata li tiddefendi l-interessi Ewropej. Hi se tibqa' taħdem biex tnaqqas l-ostakoli fil-fluss internazzjonali tal-kummerċ u tal-investiment.

Il-Kummissjoni se tippreżenta komunikazzjoni li tistabbilixxi strateġija ta' kummerċ għall-istrateġija Ewropa 2020 (inizjattiva strateġika 30). Din se tiffoka partikolarment dwar li jiġu konklużi n-negozjati tal-kummerċ multilaterali u bilaterali attwali, kif ukoll biex jiġu rinfurzati aħjar il-ftehimiet eżistenti, u l-inizzjattivi li jifih l-kummerċ tas-setturi tal-ġejjieni, bħal servizzi u prodotti b'teknoloġija għolja, servizzi u teknoloġiji ambjentali u dwar l-

istandardizzazzjoni internazzjonali. Se tingħata wkoll prijorità lil proposti għal djalogi strateġiċi ta' livell għoli biex jiġu diskussi kwistjonijiet li jvarjaw minn aċċess fis-suq, qafas regolatorju, żbilanċ globali, azzjoni dwar il-klima u enerġija, u aċċess għal materja prima u standardizzazzjoni internazzjonali. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll biex tinforza mill-ġdid ir-relazzjonijiet bilaterali b'imsieħba tal-kummerċ ewlenin bħall-Istati Uniti tal-Amerika, iċ-Ċina, il-Ġappun u r-Russja.

4.3. Realizzazzjoni ta' politiki tal-UE dwar il-vcinat, tkabbir u żvilupp

It-Trattat jagħti lill-UE responsabbiltà partikolari għall-promozzjoni tal-libertà, stabbiltà u prosperità fil-vcinat tagħha. Il-Kummissjoni hi impenjata biex tiżviluppa r-relazzjoni speċjali tal-UE mal-pajjiżi ġirien tagħha abbażi r-rispett tal-valuri tal-Unjoni u mmirat biex trawwem kooperazzjoni ekonomika b'saħħita. Is-servizzi tal-Kummissjoni ser ikunu qed jikkooperaw mill-qrib mal-SEAE dwar dawn il-kwistjonijiet.

Il-Kummissjoni hi impenjata wkoll li tmexxi l-proċess ta' tkabbir. Il-proċess fin-negozjati se jintrabat mal-progress li sar mill-pajjiżi kandidati, b'enfasi speċjali dwar ir-rispett tal-istat tad-dritt.

Li ssegwi l-aġenda ta' żvilupp internazzjonali se tkun prijorità importanti għall-Kummissjoni: se tipproponi pjan ta' azzjoni tal-UE għat-tnejn tas-Summit tal-2015 dwar il-Miri tal-Millennju għall-Iżvilupp (inizjattiva strateġika 31). Il-Kummissjoni tibqa' impenjata lejn l-għanijiet Monetarji dwar l-assistenza ta' żvilupp uffiċjali u d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u l-Aġenda Akkra għall-Azzjoni dwar l-effikaċja tal-għajuna. Tnediet ħidma speċifika biex jiġu żgurati l-effikaċja tal-għajuna, responsabbiltà u sinerġiji konsistenti bejn il-politika tal-żvilupp u politiki bħal immigrazzjoni, sigurtà, azzjoni dwar il-klima u enerġija, sigurtà tal-ikel, aċċess għall-kura tas-saħħa u edukazzjoni.

5. L-IMMODERNIZZAR TAL-ISTRUMENTI TAL-UE U MEZZI TA' ĦIDMA.

Dan il-Programm ta' Ħidma jservi biex jenfasizza l-inizzjattivi l-ġodda, iżda ffukar importanti tal-ħidma tal-Kummissjoni fl-2010 ser ikun dwar li jsir użu effiċjenti tal-istrumenti ta' politika eżistenti u tlesti t-triq għall-immodernizzar tagħhom.

5.1. Regolament prattiku – l-iżgurar li l-politiki huma effiċjenti

L-iżgurar ta' qafas regolatorju ta' kwalità għolja għal ċittadini u negozji hi responsabbiltà kondiviża mal-istituzzjonijiet u l-Istati Membri kollha tal-UE. Inizzjattivi li ttieħdu fuq livell Ewropew iridu juru valur miżjud ċar tal-UE, u jkunu proporzjonati fl-ambitu u n-natura tagħhom. Il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' strumenti ta' regolament prattiku biex tiżgura li dan hu fil-fatt il-każ. Issa hu ż-żmien li jkun hemm pass ieħor 'il quddiem fl-applikazzjoni prattika ta' dawn l-istrumenti billi jkun hemm konnessjoni u integrazzjoni sħiħa tagħhom flimkien maċ-ċiklu regolatorju bil-ħsieb li jitwettqu riżultati ta' politika effettivi. Għat-tnejn tal-inizzjattivi strateġiċi, il-koordinazzjoni interna se tiġi sostnuta bi gruppi ta' ħidma interdipartimentali, li ser isegwu l-elobarazzjoni tagħhom mill-valutazzjoni tal-impatt sal-bidu u l-finalizzazzjoni tal-inizjattiva kkonċernata.

Valutazzjoni tal-impatt

Is-sistema tal-valutazzjoni tal-impatt tagħna hi mqabbla b'mod favorevoli mal-aħjar prattiki internazzjonali f'termini ta' trasparenza u effikaċja. Issa trid tingħata prijorità biex jiġi żgurat li

din is-sistema tirrealizza l-potenzjal sħiħ tagħha, f'termini ta' ambitu kif ukoll ta' kontenut. L-inizzjattivi kollha tal-Kummissjoni b'impatti sinjifikanti, inklużi proposti ta' atti delegati u li qed jiġu implimentati, għandhom jiġu sostnuti b'valutazzjoni tal-impatt. Il-Kummissjoni se taħdem biex issaħħa l-analiżi tagħha tal-impatt fuq l-impjeg u soċjali, b'attenzzjoni partikolari għas-sitwazzjoni ekonomika attwali.

Biex ittejjeb it-trasparenza tal-ħidma tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni se ttejjji pjan ta' azzjoni għall-inizzjattivi kollha li x'aktarx ser ikollhom impatt sinjifikanti. Hi qed tinkoraġixxi lill-partijiet ikkonċernati biex jaqsmu użu minn dawn il-pjanijiet ta' azzjoni fit-tejjija tal-parteċipazzjoni tagħhom tal-proċess tat-tfassil tal-politika.

Evalwazzjoni ex-post u kontrolli regolatorji

Evalwazzjoni ex-post sistematika ta' leġislazzjoni eżistenti hi essenzjali biex tiżgura li l-politiki tagħna jiffurmaw qafas koerenti u jwettqu l-għanijiet tagħhom b'mod effettiv. Matul iż-żmien, evalwazzjoni ex-post sħiħa ser issir rekwiżit għar-reviżjoni ta' atti leġislattivi importanti li għandhom jiġu inklużi fil-Programmi ta' Ħidma tal-Kummissjoni futuri.

Biex ir-regolament attwali jibqa' adatt għall-iskop tiegħu, il-Kummissjoni se tkun qed tirrevedi, minn din is-sena 'il quddiem, il-korp sħiħ ta' leġislazzjoni fl-oqsma ta' politika magħżula permezz ta' kontrolli. Il-għan hu li jiġu identifikati piżijiet eċċessivi, trikkib, lakuni, inkonsistenzi, u/jew miżuri li spiċċaw li setgħu dehru matul iż-żmien. Fl-2010 se jibdeu eżerċizzji pilota f'erbgħa oqsma: ambjent, trasport, impjeg u politika soċjali, u politika industrjali.

Simplifikazzjoni, tnaqqis ta' piż amministrattiv u rtirar

Is-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi se jibqgħu prijoritajiet u se jiddaħħlu b'mod sħiħ fil-proċess tar-regolament Prattiku. Il-Kummissjoni diġà ressqet proposti li jmorru 'l hinn mill-għanijiet tal-2012 tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv b'25%, u hi impenjata li tkompli l-isforzi tagħha fis-snin li ġejjin. Ser ikun hemm iffukar partikolari dwar il-ħidma mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri, peress li n-negozji jħossu biss il-benefiċċji ta' dawn l-isforzi meta l-leġislatur ikun adotta l-proposti u huma jkunu implimentaw l-proposti fuq livell nazzjonali. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tressaq 46 proposta ta' simplifikazzjoni fis-snin li ġejjin (ara l-anness III). Barra minn hekk il-Kummissjoni bi ħsiebha tirtira numru ta' proposti li huma elenkati fl-anness IV.

Implimentazzjoni

Responsabbiltà ewlenija tal-Kummissjoni hi li tagħmel mod li l-leġislazzjoni tal-UE tirrealizza l-impatt sħiħ tagħha madwar l-Unjoni kollha. Kull fejn hu meħtieġ, il-Kummissjoni se tibqa' tintervjeni, inklużi permezz passi legali, biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u koerenti tal-leġislazzjoni eżistenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser issaħħa l-isforzi tagħha biex tassisti lill-Istati Membri biex jimplementaw leġislazzjoni ġdida b'mezz korret u f'waqtu.

5.2. Nikkomunikaw mal-Ewropa

L-ikkomunikar mal-Ewropa b'mod trasparenti u aċċessibbli hu prerekwiżit għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u għall-Ewropej biex ikunu konxji b'mod sħiħ tal-opportunitajiet provduti mill-politiki tal-UE. Din hi responsabbiltà kondiviża tal-parteċipanti kollha fuq livelli differenti, bil-Kummissjoni tagħmel il-parti tagħha bi ħgara. Flimkien mal-attivitajiet ta' informazzjoni u kkomunikazzjoni ġenerali, il-Kummissjoni se tenfasizza partikolarment fuq tliet prijoritajiet ta' komunikazzjoni konġunti:

it-tmexxija 'il quddiem tal-irkupru ekonomiku u l-implimentazzjoni ta' sorsi ġodda ta' tkabbir; azzjoni dwar il-klima u enerġija; it-Trattat ta' Lisbona jibda jaħdem għaċ-ċittadini.

5.3. Adattament tal-qafas finanzjarju tal-UE biex iservi l-prijoritajiet tal-politika

Il-baġit tal-UE għandu jservi l-isfidi prinċipali li qed taffaċċja l-Ewropa u jipprovdi valur miżjud reali fil-promozzjoni tal-għanijiet ta' politika ewlenin tal-Unjoni. Bħala parti tal-viżjoni politika usa, din is-sena l-Kummissjoni se tressaq Reviżjoni tal-Baġit (inizjattiva strateġika 32) biex tosserva kif il-bidliet fil-bilanċ tal-baġit, il-prijoritajiet u l-proċeduri tagħha jistgħu jiżguraw l-aħjar redditu taċ-ċittadini Ewropej li jħallsu t-taxxa u tiffirma l-proċess li ser iwassal għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss.

Fi hndan il-kuntest totali tat-tnejjija għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, il-Kummissjoni se tagħmel konsultazzjonijiet dettaljati mal-partijiet ikkonċernati matul l-2010 dwar id-direzzjoni futura tal-politiki ta' nfiq tal-UE ewlenin, bħall-politika agrikola komuni, politika ta' koeżjoni u politika ta' riċerka. L-għan hu li jiġu vvalutati l-għanijiet li ntlaħqu u l-isfidi għall-perjodu wara l-2013, biex jinġabru l-ħsibijiet tal-partijiet ikkonċernati dwar id-direzzjoni futura tal-politika u biex jiġi vvalutat ir-rwol tal-baġit tal-UE fir-realizzazzjoni ta' riżultati effettivi f'dawn l-oqsma ta' politika madwar l-UE. Din il-ħidma se taħdem fuq l-orjentazzjonijiet tar-Reviżjoni tal-Baġit u se tiffoka fit-tnejjija tal-proposti tal-2011 tal-Kummissjoni's għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss.

Dan għandu jinkludi riflessjoni dwar l-istrumenti eżistenti għall-iżvilupp ekonomiku fit-tnejjija biex jiġu stabbiliti l-proposti għall-Qafas Finanzjarju li jmiss, kif ukoll biex jiġu esplorati modi ġodda biex isir lieva mill-investment privat u pubbliku tal-UE, eżempju permezz tal-Bank Ewropew tal-Investment.

B'mod parallel ma' dan l-approċċ strateġiku, il-Kummissjoni se tkompli ittejjeb tmexxija finanzjarja soda, filwaqt li tissimplifika l-qafas ta' implimentazzjoni, tagħmel enfasi kbira fuq ir-rendiment, valur miżjud u valur għal flus miksub permezz tal-infiq tal-UE. Se tibqa' tingħata attenzjoni biex jittjiebu u jiġu implimentati sistemi Prattiki, solidi u ekonomikament vijabbli ta' tmexxija u kontroll fil-Kummissjoni u kif ukoll fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni ser issegwi wkoll ir-riflessjoni tagħha dwar il-ġejjieni tal-OLAF.

6. KONKLUŻJONI: NIMXU 'IL QUDDIEM:

Dan l-ewwel Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni l-għdida jistabbilixxi l-ambizzjoni u l-impenji tagħha għall-2010 u 'l hinn. Dan jittratta kwistjonijiet ta' tħassib immedjat u jistabbilixxi direzzjoni ta' politika biex jiġu affaċċjati sfidi futuri, u b'hekk ifassal il-pedament għal ħidma ulterjuri għall-bqija tal-mandat.

Biex jiġi ffaċilitat id-djalogu, jiġi pprovdut tħassir u tiġi żgurata trasparenza, ġew annessi ma' dan il-Programm ta' Ħidma il-punti li ġejjin:

- Lista ta' inizzjattivi strateġiċi li dwarhom il-Kummissjoni timpinja ruħha li tirrealizzahom fl-2010 (anness I).
- Proposti importanti matul l-2010 u 'l hinn, li huma prospettivi ta' prova għall-bqija tal-mandat (anness II).
- Lista ta' proposti ta' simplifikazzjoni u rtirar (annessi III u IV).

Kull sena l-Kummissjoni se tirrevedi l-Programm ta' Ħidma, u b'hekk tistabbilixxi inizzjattivi strateġiċi annwali ġodda u tadotta ix-xejra multiannwali fejn ikun xieraq fid-dawl ta' ċirkustanzi l-ġodda, inklużi riżultati mill-ħidma ta' tħejjija u r-reviżjoni ta' implimentazzjoni.

Issa l-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kif ukoll mal-parijiet kontraenti, biex tiżgura appartenenza wiesa' tal-approċċ sħiħ u dwar inizzjattivi individwali. Din il-Kummissjoni tixtieq li l-Programm ta' Ħidma tagħha jkun jaġġixxi bħala pilastru ewlieni għall-ipprogrammar interistituzzjonali komuni propost taħt l-Artikolu 17(1) tat-Trattat ta' Lisbona. Il-Kummissjoni se tibqa' fi djalogu kostanti mal-Istituzzjonijiet tal-UE u partijiet kontraenti biex tiżviluppa u timplimenta il-Programm ta' Ħidma tal-2010 tagħha.